# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tlieta u tmenin (83) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-5 ta' Settembru 2017 fis-6.29pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

### 83.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw.

### 83.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Inqraw il-**minuti** tas-seduta numru tnejn u tmenin mis-SE u dawn ġew amendati bil-korrezzjonijiet iddettati dak il-ħin:

82.03 tneħħiet il-kelma 'roundabout' u tpoġġiet 'sleeping policeman' fit-tielet vers, fit-tieni paragrafu.

82.03 żdiedu 'Kien hemm diskussjoni dwar iz-zebra crossing proposta fi Triq tas-Sejba. Is-Sindku infurmat lill-KLM li rċeviet korrispondenza mingħand uffiċjali ta' Transport Malta fejn ġejna infurmati li zebra crossing hemmhekk se tkun perikoluża għax m'hemmx bankina u illuminazzjoni adekwata. Il-KLM qabel li jkun avviċinat il-kuntrattur biex jagħmel il-bankina.'

82.03 inqatgħu il-kelmiet 'għalli kien qabel' u tpoġġew 'lura għan-normal' fi tmiem l-aħħar sentenza tas-seba' paragrafu.

82.03 paragrafu numru 13. 'inqatgħu il-kelmiet ħa ħafna mill-ħin tiegħu (mill-11.25am sa 12.10pm)

82.03 paragrafu 25. Tneħħew il-kelmiet 'Dwar il-kuntratt tal-knis intqal illi din ma kienetx deċiża mill-KLM. Dan minkejja li trid tkun aġġudikata dejjem fuq l-orħos offerta bħall-offerti kollha tal-Kunsill Lokali,' u tpoġġew dawn 'Dwar il-kuntratt tal-knis skont it-template li hija standard u li ġiet iċċirkulata mal-kunsillieri qabe ma ħareġ it-tender document, illum tender jirbħu l-orħos offerent, u għalhekk ma saret l-ebda' għażla mill-evalwaturi.'

82.04 l-aħħar sentenza tar-raba' paragrafu. Inqatgħu 'se jsiru laqgħat apposta mas-soċjetajiet mużikali f'dan ir-rigward' u tpoġġew 'kitbet lis-Segretarju Parmanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura sabiex il-KLM ikun ikkonsultat u mhux biss infurmat meta jsiru proposti bħal dawn.'

82.05 l-aħħar sentenza. Inqatgħet 'nkunu' u ddaħħlet 'nibqgħu' u inqatgħu 'on the right track' u ddaħħlet il-frażi 'fit-triq it-tajba.'

82.09 żdiedu l-kelmiet 'mil-ħin fejn ikunu eżawriti l-parkeġġi kollha fil-lokal u kien maqbul illi Triq Valletta, Parroċċa u Siġġiewi jsiru one-way lejn Triq tas-Sejba' wara l-kelmiet '...il-by-pass se tkun magħluqa għat-traffiku'.

82.10 Inqatgħet il-kelma 'Prim Ministru' u ddaħħlet 'Transport Malta'.

Il-minuti għaddew għal vot wara li kienu proposti minn Grace Marie Mallia u sekondati minn Anita Farrugia. Dawn għaddew b'mod unanimu.

### 83.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Se naraw jekk għadux f'postu l-*istop sign* ta' Triq il-Parroċċa/Triq is-Siġġiewi kantuniera ma' Triq tas-Sejba. F'dan il-post kienet konfermata l-**isleeping policeman** li l-KLM se japplika għaliha ma' *Transport Malta*.

Il-KLM iddeċieda li jipposponi d-data tal-**Festa Ravjul** peress li mhux se jkollna riżorsi adekwati biex intellgħu aħna stess din l-attivita'.

Is-SE kien mitlub sabiex jipprintja l-inviti tal-kunċert ta' Jum l-Imqabba 2017.

L-ambaxxatur taż-żgħażagħ daħal għal-laqgħa fis-7.00pm.

Is-Sindku qalet illi hija infurmat lill-LESA li qed tinkiser il-liġi kuljum minkejja li twaħħlet it-tabella taż-żewġ metri wisgħa biex jinqatgħu il-**vetturi tqal minn Triq Valletta.**

Is-SE kien mitlub jibgħat *reminder* oħra lill-TM sabiex jagħmlu l-**parkeġġi fil-kantunieri fejn Triq il-Friefet** taqbad ma' Triq il-Katakombi wara li l-kuntrattur tagħhom kien ġie jagħmel il-*parking bays* li naqqsu ammont kbir ta' parkeġġ.

Iz-***zebra crossing* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti biswit il-mekkanik tneħħiet** wara li l-KLM għadda t-talba lill-TM u din ġiet milqugħa. Se nkellmu lill-TM sabiex iz-zebra *crossing lights* li hemm fejn il-*pellican crossing* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija jinqalgħu minn posthom u jitpoġġew f'tarf Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-SE qal li f'dan il-post hemm diffikulta dwar **katusa tal-ilma tal-btieħi** li hu allegat li intradmet taħt bankina u li din qed tagħmel ħsara lil terzi.

Dwar il-**ħsara fit-triq biswit ir-roundabout ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti**, il-Viċi Sindku qalet illi din tinsab fuq *manholes* tad-drenaġġ u għalhekk huma responsabbli minnha il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Dwar is-sit alternattiv għall-**clothes' bank,** is-Sindku qalet illi kellimha Paul Spiteri. Għaldaqstant se nivverifikat mad-**Dipartiment tal-Artijiet** jekk quddiem il-każin tal-futbol hux sit pubbliku jew le kif ukoll niċċekkjaw jekk is-sit fejn Triq il-Madonna tal-Ġilju tgħaqqad ma Triq l-Aħwa Ghigo, jekk hux art pubblika jew le biex possibilment inwaħħlu *stage* u anke l-kaxxa tal-ħwejjeġ użati.

Is-SE kien mitlub mis-Sindku sabiex jiċċekkja jekk taħdimx il-**cctv camera ta' Ġnien Onġi Onġella** ħalli naraw min qed idaħħal il-kelb tiegħu iħammeġ fil-ħamrija filwaqt li Grace Marie Mallia qalet illi l-ELC għandhom jieħdu aktar ħsieb Ġnien Mikelanġ Sapiano biex ikun aktar indukrat.

### 83.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Grace Marie Mallia staqsiet x'sar minnha l-applikazzjoni tal-asfaltar tat-toroq rurali. Charlene Zammit qaltilha illi l-istimi intbgħatu tard wisq mill-Perit William Lewis meta l-fondi kienu kollha eżawriti. Grace Marie Mallia qalet illi imissna nibgħatu ittra ta' twissija lil Perit William Lewis.

### 83.05 Deputat Segretarju

Kien deċiż illi nitolbu estenzjoni biex dan ir-rwol ikun assumiet mis-Sur Michael Mifsud bħala Deputat Segretarju. Grace Marie Mallia ma' taqbilx mal-kunċett tad-Deputat Segretarju, u għaldaqstant astjeniet.

### 83.06 DLG cirkulari 22/2017 (librerija pubblika) e-mail dt14.8.2017 – kotba, tagħmir

Il-KLM iddeċieda illi japplika għal Eur800 minn għand il-Gvern Ċentrali biex jinvesti *f'air conditioner* għal-

**librerija** u jżid l-ammont ta’ kotba fuq l-ixkafef.

### 83.07 DLG cirkulari 21/2017 (restawr ta’ postijiet storici dt 14.8.2017 – l-għazla tas-sit

Il-KLM se japplika biex ikun **restawrat il-Ħajt tal-Matla** fl-inħawi ta’ Triq il-Ħajt tal-Matla.

### 83.08 L-approvazzjoni tal-membri fuq il-Bord ta’ Evalwazzjoni (Ġieħ l-Imqabba 2017)

Is-SE se jibgħat reminder lis-soċjetajiet mużikali, każin tal-futbol u l-Kappillan biex ikun iffurmat il-**kumitat ta' aġġudikazzjoni** ħalli jiġi magħżul il-persuna li jkun jixraqilha Gieh l-Imqabba 2017.

### 83.09 L-approvazzjoni tal-kuntratt tal-knis tat-toroq u tal-latrina pubblika

Ir-rapport imtella’ mis-sistema tal-e-tenders dwar il-**kuntratt tal-knis tat-toroq** kien approvat mill-KLM b’mod unanimu, filwaqt li l-evalwaturi tal-**kuntratt tal-latrina pubblika** se jkunu Paul Spiteri, Anita Farrugia u Grace Marie Mallia. Hawn intqal illi hemm żewġ kumpaniji interessati li jagħtu is-servizz tagħhom.

### 83.10 Bini propost fil-By-Pass tal-Imqabba PC21/14 – il-pass li jmiss

Is-Sindku semmiet il-**petizzjoni** mill-KLM biex ikun evitat il-bini fil-by-pass wara li kien hekk deċiż meta inżammet il-laqgħa mas-soċjetajiet mużikali. Charlene Zammit qalet illi l-unika possibilta’ li jsir appell mid-**deċiżjoni tal-Awtorita’ tal-Ippjanar** hija taħt artiklu 469A, pero’ biex dan ikun possibbli, irid ikun hemm prova ta’ malamministrazzjoni fuq żball amministrattiv – jiġifieri li l-Awtorita’ tal-Ippjanar imxiet ħażin. Hija sostniet illi l-KLM m’għandu l-ebda’ prova f’idejħ li l-proċess ma kienx tajjeb.

### 83.11 *EIA* Petrol Station fi Triq Valletta

Dwar l-**EIA tal-petrol station,** is-Sindku qalet illi hija u s-SE kellhom laqgħa ma’ rappreżentanti ta' *ADI Associates* propju fi Triq Valletta. Kien deċiż illi l-KLM jikkontesta l-*eye sore* bil-proposta li se jinqalgħu is-siġar eżistenti.

### 83.12 Regolamenti / Applikazzjonijiet għall-użu tal-Isptar il-Qadim

Dwar l-**użu tal-Isptar il-Qadim**, intqal illi rridu naraw ir-regolamenti li kienu tfasslu għall-użu tiegħu.

### 83.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 536.

### 83.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9.30pm u dik li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 4 ta’ Ottubru fis-6.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 4.10.17 minn Dr Charlene Muscat
Segretarju Eżekuttiv Sindku